MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1189/2011

**Michael D'Amato**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi fl-Att tat-Twelid numru 5298 tal-1936, liema att jirreferi għat-twelid tal-istanti, Michael D'Amato, kopja ta' liema tatt tinsab hawn annessa u mmarkata "Dok A", fil-kolonna intestata *"ismijiet mogħtijin"* isem l-esponenti hu ndikat bħala "Michele, Paolo, Carmelo" filwaqt li fil-kolonna intestata *"isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* isem l-esponent hu ndikat bħala "Michele" u dan minkejja li kif se jiġi ppruvat fil-mori ta' din

il-kawża, l-istanti kien minn dejjem imsejjaħ bl-isem "Michael";

2. Illi fl-istess Att tat-Twelid imsemmi hawn fuq, fil-kolonna intestata *"isem u kunjom missier it-tarbija"*, kunjom missier it-tarbija, u ċjoe' kunjom Gaetano, hu indikat bħala "Damato", u dan minkejja illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, kemm l-istanti kif ukoll l-axxendenti tieghu kienu u huma magħrufa bil-kunjom "D'Amato";

3. Illi madankollu fl-Att tat-twelid numru 5298 tal-1936 maħruġ fit-28 ta' Settembru 1962 mir-Reġistru Pubbliku, liema att jirreferi għat-twelid tal-attur, kopja ta' liema att tinsab hawn annessa u mmarkata "Dok B", fil-kolonna intestata *"ismijiet mogħtijin"*, isem l-esponent hu ndikat b'mod korrett, u ċjoe' bħala "Michael, Paul, Carmel" filwaqt li fil-kolonna intestata *"isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* isem l-esponent hu ndikat bħala "Michael". L-istess jgħodd għal isem u kunjom missier it-tarbija, fejn kunjom il-missier hu indikat b'mod korrett, u ċjoe' bħala "D'Amato";

4. Illi fl-Att taż-Żwieġ numru 1490 tal-1957, liema att jirreferi għaż-żwieġ tal-istanti ma' Michelina D'Amato, kopja ta' estratt ta' liema att tinsab hawn annessa u mmarkata "Dok C", isem u kunjom l-attur huma ndikati bħala "Michael D'Amato";

5. Illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ meħud mill-Paroċċa Stella Maris tas-Sliema datat 21 ta' Ottubru 1957, liema ċertifikat jirreferi għaż-żwieġ tal-istanti ma' Michelina D'Amato, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata "Dok D", isem u kunjom l-attur huma ndikati bħala "Michael D'Amato";

6. Illi l-istess jgħodd għall-Att ta' Twelid numru 2930 tal-1959 liema att jirreferi għat-twelid ta' bint l-istanti Carmen Bajada fejn għal darb'oħra isem u kunjom missier it-tarbija hu ndikat bħala "Michael D'Amato", l-Att ta' Twelid numru 5808 tal-1964, liema att jirreferi għat-twelild ta' bint l-istanti Susan D'Amato fejn isem u kunjom il-

missier huma ndikati bħala “Michael D’Amato”, l-Att ta’ Twelid numru 5170 tal-1970 liema att jirreferi għat-twelid ta’ bint l-istanti Elizabeth Cachia, fejn isem u kunjom il-missier huma ndikati bħala “Michael D’Amato”, kif ukoll l-Att ta’ Twelid numru 5580 tal-1978 li jirreferi għat-Twelid ta’ bint l-istanti Eleonor Vella D’Amato, fejn isem u kunjom il-missier huma mniżżlin bħala “Michael D’Amato”. Kopji ta’ estratti ta’ dawn l-atti jinsabu hawn annessi u mmarkati “Dok E”, “Dok F”, “Dok G” u “Dok H” rispettivament;

7. Illi l-esponent għandu interess illi l-att tat-twelid tiegħu jiġi korrett sabiex jirrifletti l-istat attwali tiegħu;

8. Illi l-esponent jaf b’dawn il-fatti personalment.

Illi r-raġuni tat-talba hi li filwaqt li l-esponenti hu magħruf bl-isem u kunjom “Michael D’Amato”, ismu fl-Att ta’ Twelid tiegħu hu ndikat bħala “Damato”, u għalhekk hemm lok li l-konvenut jiġi ordnat jagħmel korrezzjonijiet fl-atti relattivi ta’ stat ċivili;

Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tordna korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru 5298 tal-1936, liema att jirreferi għat-twelid tal-istanti, Michael D’Amato, fis-sens li fil-kolonna intestata *“ismijiet mogħtijin”* isem l-esponenti, li hu ndikat bħala “Michele, Paolo, Carmele” jiġi sostitwit b’ “Michael, Paul, Carmel” fil-kolonna intestata *“isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”* isem l-esponent, li hu ndikat bħala “Michele” jiġi sostitwit b’ “Michael” filwaqt li fil-kolonna intestata *“isem u kunjom missier it-tarbija”*, kunjom missier l-esponent li hu ndikata bħala “Damato” jiġi sostitwit bil-kunjom “D’Amato”;

2. Tordna li jsiru l-opportuni korrezzjonijiet fl-atti ta’ stat ċivili relattivi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti Michele Damato bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob għal korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li huwa għandu jidher bħala *'Michele Damato'* u mhux *'Michael D'Amato' stante* li dan tal-aħħar għadu jappartjenix lilu skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 5298 tas-sena 1936;

2. Illi preliminarjament ukoll jingħad li qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi rigward l-ewwel talba tar-rikorrenti rigwardanti l-bidla fl-isem min Michele għal Michael, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti. Madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Michael kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq <u>xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits</u> ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Michael u mhux Michele;

4. Illi rigward il-korrezzjoni tal-kunjom minn Damato għal D'Amato, l-esponenti qiegħed jirrimetti ruħu għad-diskrezzjoni prudenzjali ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-

inkorrezzjonijiet fl-att tat-twelid tar-rikorrenti u dan *stante* li fl-att ta' twelid *de quo* (Dok. A) kien proprju missier ir-rikorrenti Gaetano li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti u saħansitra ffirma l-istess att.

5. Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2012 fejn il-kawza ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturri qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isem l-attur hija evidentement ġustifikata billi l-attur dejjem kien magħruf bħala ***Michael*** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Din hija kwistjoni ta' traduzzjoni tal-isem biss. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż. Madankollu l-eċċezzjoni rigward it-tieni talba hija ġustifikata peress li ma ġewx indikati l-atti li l-attur irid li jiġu korretti.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel talba, tiċħad it-tieni talba attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------